MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 201/2007

Kawza fil-lista: 73

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-knisja ta’ San Pietru fil-Ktajjen, Birzebbuga fis-16 ta’ Awwissu 1996, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi l-kunsens tar-ragel inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

5. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fis-16 ta' Awwissu 1996, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-16 ta' Awissu 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-

partijiet, fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Awissu 1996 meta allura l-attrici kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 20 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur, u wara li l-attrici skopriet li kienet tqila. Fis-19 ta' Novembru 1996 twieldet it-tifla. Wara konvivenza ta' circa sitt snin, il-partijiet isseparaw.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija propensa li taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici, u li tinsab konfortata mix-xhieda tal-genituri taghha.

Jirrizulta provat li l-partijiet izzewwgu wara li l-attrici skopriet li kienet harget tqila, u minhabba f' hekk. Mill-bidunett taz-zwieg il-konvenut kien igib ruhu hazin ma' l-attrici, kien dominanti u kien isawwatha tas-spiss, specjalment meta kien ikun taht l-effett tax-xorb. Ghalkemm l-attrici riedet aktar tfal fiz-zwieg il-konvenut ma riedx, u l-att taz-zwieg "dejjem, dejjem" sar bi prekawzjoni minn naha tieghu sabiex l-attrici ma tinqabadx tqila. L-attrici tghid "Xtaqt li jkolli tfal ohra, imma hu qatt ma ried tfal aktar. Dejjem jghidli, trid taghmilhom, ghamilhom ma' haddiehor."[1] Tghid li, anke qabel it-twelid tat-tifla, darba qabdet lill-konvenut jimmasturba wahdu fil-kcina.

Minn naha tieghu, il-konvenut, jammetti li gieghli kien jerfa' idejh fuq l-attrici, ghalkemm jinnega li kien isawwatha ta' spiss. Huwa jammetti li lill-attrici ma kienx ihobbha, u dan il-fatt, skond hu, skoprieh wara z-zwieg. Jghid li fiz-zwieg : "Minn naha tieghi ma kienx hemm imhabba, hi dejjem tipprova tirranga l-affarijiet ….. Ma kienx hemm imhabba, le, hsibt li kelli mhabba."[2]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

---
[1] Dep. Attrici – fols.22 *et seq.*
[2] Dep. Konvenut - Fols.37 *et seq.*

Il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Il-komportament tal-konvenut mill-bidu nett taz-zwieg hu evidenza tal-fatt li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja konjugali. Huwa ma gharafx li l-kunsens matrimonjali jdahhlek, legalment u moralment, f' unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied ; bir-rizultat li l-komportament tieghu fiz-zwieg kien abuziv fil-konfront ta' l-attrici, u kien ta' ostakolu serju sabiex tinbena bejn il-partijiet 'a community of life and love.'

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255 da parti tal-konvenut biss, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Awissu 1996.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------